MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Numru. 1371/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**Vs**

**Angelo Bartolo u**

**Christopher Bugeja**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Illum l-Erbgha 15 ta' April, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Angelo Bartolo ta' 34 sena, iben Andrew u Catherine nee' Zarb mwieled f'Malta fit-23 ta' Settembru 1977 u li joqghod fil-fond Marberlin, Trejqet il-Kampanjol, Naxxar, Malta detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 512777(M) u Christopher Bugeja ta' 17-il sena, iben Anthony u Rosina nee' Borg mwieled f'Malta fl-14 ta' Mejju 1994 u li joqghod fil-fond 13, Triq Brittanja, Mosta, Malta talli:

Matul il-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Novembru 2011, gewwa Triq San Gorg, San Giljan, kif ukoll gewwa Triq il-Fortizza, Mosta, u/jew bnadi ohra, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jpoggu l-hajja ta' Samantha Cuschieri f'periklu car, ikkagunawlha feriti li permezz taghhom gabu l-abort,

Lil Angelo Bartolo wahdu:

Akkuzat aktar talli fl-20 ta' Novembru 2011 ghall-habta ta' 6.30am fi Triq il-Fortizza, Mosta, volontarjament hassar, jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiegor u cioe' vettura Toyota Vitz bin-numru ta' registrazzjoni KBL693 ghad-detriment ta' Samantha Cuschieri, liema hsara tammonta ghal Euro 702.25.

Talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied.

F'kaz ta' htija l-Qorti ntalbet titratta ma' Angelo Bartolo bhala recediv u dan wara li nstab hati mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikoli 214, 215 u 218(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
- Fl-artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Angelo Bartolo wahdu:

- Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi fil-konfront taz-zewg imputati ngiebet l-imputazzjoni li kkawzaw feriti fuq Samantha Cuschieri li permezz taghhom gabu l-abort. Fil-konfront ta' Angelo Bartolo huwa jinsab akkuzat li kkaguna hsara volontarja, li kiser il-buon ordni u l-paci pubbliku u kif ukoll li huwa recediv.

Illi jirrizulta li Christopher Bugeja u Samantha Cuschieri kellhom relazzjoni. F'xi zmien Cuschieri harget tqila. Hija sostniet li missier it-tarbija kien Christopher Bugeja izda fl-atti processwali dan la gie kkonfermat u min-naha l-ohra lanqas ma gie zmentit anki ghaliex ma kienx determinanti ghall-ezitu tal-kaz odjern. Dakinhar tal-incident, meta r-relazzjoni taghhom kienet diga' ilha xi gimghat li ntemment, il-parte leza u Christopher Bugeja kellhom argument meta kienu fi stabiliment gewwa Paceville. Id-dinamika ta' dan l-argument ma rrizultatx b'mod car ghaliex inghataw versjonijiet differenti anki mill-istess parte leza li fir-rapport taghha fl-ghassa tal-Mosta kienet qalet li dan qabadha minn ghonqha u ta daqqa ta' ponn f'wiccha. Meta xehdet qalet li imbuttaha. Fil-fatt mic-certifikat mediku[1] t-tabiba li ezaminat lill-parte leza ma sabet l-ebda sinjali esterni ta' griehi sofferti. Madankollu l-parte leza giet riferuta l-isptar ghaliex kellha *vaginal bleeding.* L-imputat Christopher Bugeja jichad fl-istqarrija li huwa ta xi daqqiet lil Samantha Cuschieri. Fil-fehma tal-Qorti l-versjoni moghtija mill-parte leza l-ewwel darba li xehdet hija dik l-aktar verosimili ghal dak li sehh.

[1] Dok JB 8 a fol 54 tal-process

Gara li waqt li l-parte leza, wara li ghamlet ir-rapport fl-Ghassa tal-Mosta, kienet ghaddejja mill-Mosta direzzjoni lejn in-Naxxar fit-triq iltaqghet ma' l-imputati. Angelo Bartolo kien qieghed isuq u Christopher Bugeja sejhilha. Hija waqfet il-karozza taghha, nizlet u avvicinathom. Angelo Bartolo hareg mill-karozza, jirrizulta li kellhom argument u l-parte leza tixhed li l-imputat Bartolo imbuttaha, hija zelqet u waqghet mal-art. Huwa pproceda lejn il-karozza taghha u ta' daqqa ta' sieq fuq il-karozza taghha u telaq 'l hemm. Matul dan l-incident Christopher Bugeja baqa' fil-karozza. Sussegwenti ghal dan l-akkadut Samantha Cuschieri marret lura l-Ghassa tal-Mosta biex tkompli zzid fuq ir-rapport u marret l-isptar.

Illi fl-istqarrija li l-imputat Bartolo rrilaxxja jammetti li mbutta lil Cuschieri biex hija titlaq halli jkun jista' jirkeb il-karozza u li din waqghet mal-art u li mar fuq il-karozza taghha u li ta daqqa ta' sieq fuq il-bagoll tal-karozza taghha. Ir-raguni moghtija minnu ghal tali komportament kienet li huwa kien ra lill-parte leza hierga mill-ghassa u qabdet camera li kien silfilha u sabtitilu mal-art.

Samantha Cuschieri waqt ix-xhieda taghha qalet li hija tahfer lill-imputati.

Illi ghar-rigward tal-ewwel imputazzjoni jirrizulta mill-provi li Samantha Cuschieri ma kellhiex griehi esterni vizibbli. Jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Carmen Portelli[2] li hija kienet invistat lil Samantha Cuschieri fl-20 ta' Novembru 2011. Din kienet qaltilha li kienet tqila u li kienet involuta f'xi tilwima u qalghet xi daqqiet go zaqqha[3] u minn ftit wara bdiet tara d-demm u eventwalment Cuschieri korriet. Il-pazjenta giet ezaminata, sarulha testijiet tad-demm, tal-urina, ultrasound u

[2] Seduta tal-11 ta' Jannar 2012, Resident specialist fid-dipartiment tal-Ginekologija u Obstetrija fl-Isptar Mater Dei
[3] Li mix-xhieda tal-istess parte leza dan ma jirrizultax

nzammet l-isptar ghall-osservazzjoni. Meta ezaminawha ma kienx hemm feriti gravi hlief ghal xi ftit grif fuq l-istonku taghha u xi ohra f'dahra. Dr Portelli xehdet li *"it-test tal-pipi' ghat-tqala immarka weakly positive, ghamilna test tad-demm ghall-hormones tat-tqala wkoll ghax kien aktar baxx mill-ammont tat-tqala li suppost li kellha u l-ultrasound li ghamilna l-ghada filghodu ma deher l-ebda tqala fuqha"*. Hija kompliet tixhed li *"Il-probabilita' li kien hemm tqala fil-bidu hafna imma kienet qed tispicca meta giet"*. Imbaghad tixhed ukoll li *"difficli biex tghid meta spiccat, imma ma nahsibx li hija, li spiccat it-tqala ma nahsibx li kienet il-kawza tat-tilwima jew tad-daqqa li qalghet"*. It-tqala kienet spiccat qabel dakinhar li nvistatha ghaliex il-hormones kienu baxxi hafna u ma kienux jikkorrispondu mat-tqala ta' sitt/seba' gimghat. Il-konkluzjoni tat-tobba kienet li kien hemm zewg possibiltajiet – jew li kien hemm tqala li kienet bdiet imbaghad spiccat u kumbinazzjoni bdiet tibblidja dakinhar jew kien hemm tqala li ma kinitx f'postha gewwa l-uteru izda fit-tube imma kieku ma kienx jinzel id-demm.

Illi mix-xhieda appena riferuta ta' Dr Portelli jirrizulta bla ebda dubju li Samantha Cuschieri sfortunatament kienet tqila u korriet izda l-kawza tal-korriment ma kienitx it-tilwima ma' l-imputati jew ma' xi hadd minnhom. Ghaldaqstant l-imputati se jigu lliberati minn tali imputazzjoni.

Illi inkwantu ghat-tieni imputazzjoni fil-konfront ta' Angelo Bartolo din giet ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Tant huwa hekk li l-istess imputat fl-istqarrija tieghu jammetti li ta daqqa ta' sieq fuq il-vettura appartenenti lil Cuschieri. Inkawntu ghall-ammont tal-hsara kkagunata fl-akkuza gie indikat l-ammont ta' €702.25. L-istess parte leza kkonfermat li hija ghaddiet lill-ispettur l-istima b'dan l-ammont[4] u kkonfermat li ghadha ma thallsitx. Eventwalment giet ezebita stima differenti mir-rapprezentant ta' Michael Debono Limited li tindika

[4] Dok JB6 a fol 48 tal-process

ammont ferm akbar billi originarjament hargu zewg stejjem separati fl-istess gurnata. Din il-Qorti se toqghod fuq l-ewwel stima ezebita anki ghaliex hija din l-istima li giet ikkonfermata mill-parte leza u inkwantu ghal kwalunkwe ammont iehor dan jibqa' impregudikat.

Illi dwar it-tielet imputazzjoni, issir referenza ghal sentenza mohtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija versus Maria Concetta Green**[5]:

*'L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjah 'breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.'*

B'applikazzjoni tas-suespost ghall-kaz odjern m'hemmx dubju li din l-imputazzjoni giet ippruvata.

Illi dwar ir-raba' imputazzjoni, il-Qorti tirreferi ghall-verbal maghmul fis-seduta tat-8 ta' April 2015 mill-Prosekuzzjoni li qeghda tibbaza l-

[5] Volum LXXXIII Part IV paġina 441

akkuza taghha fuq l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Inkwantu ghal dan l-addebitu fuq l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali dan jirrizulta ppruvat ukoll.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali ta' l-imputat li mhix wahda allarmanti. Tqis li dan mhux kaz fejn il-Qorti ghandha timponi piena karcerja effettiva.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt ma ssibx lill-imputati hatja tal-ewwel imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberahom minnha, u filwaqt li ma ssibx lill-imputat Angelo Bartolo hati tal-addebitu tar-recidiva abbazi ta' l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghaldaqstant tilliberah mill-istess, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u l-artikoli 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Angelo Bartolo hati tal-imputazzjonijiet l-ohra u tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tmintax (18)-il xahar.

Inoltre bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(1) tordna lill-imputat Angelo Bartolo ihallas l-ammont ta' seba' mija u zewg Euro u hamsa u ghoxrin centezmu (€702.25) lil Samantha Cuschieri u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28H(2) l-imputat qieghed jinghata zmien sitt (6) xhur sabiex ihallas lill-parte leza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ghat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma rrizultax li kien hemm nominati esperti.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------